Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 825/12

**Joseph Camilleri (ID 449453M) [appellant]**

**vs**

**Emmanuel Camilleri (ID 454959M) u Norbert Camilleri (ID 517983M) [appellati]**

28 ta' April 2017.

1. L-attur harrek lill-konvenuti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u li jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' €1,292.34 danni li sofrew minhabba li hadulu tmien CCTV *cameras* u l-accessorji taghhom minn Palma Farmhouse, fis-Salini.

2. Il-konvenuti cahdu r-responsabbilta.

3. B'sentenza tas-26 ta' Marzu, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda :

   *'(1) tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (2) tichad it-talba attrici u (3) fic-cirkostanzi, fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza tiddeciedi li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti; tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa t-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti'.*

4. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza. L-aggravju hu li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi, li kienu bizzejjed sabiex tintlaqa' t-talba tal-attur. F'dan ir-rigward issemmew diversi fatti:

   i. Il-familja tal-attur u tal-konvenut Emmanuel ilhom ghal snin fi kwistjoni dwar l-okkupazzjoni tal-inhawi. Dakinhar stess li kien qieghed iwahhal il-cameras kien sab tfixkil, insulti u theddid minn huh il-konvenut.
   ii. Fid-19 ta' Settembru 2012 il-konvenut l-iehor ghamel gurnata jhuf l-inhawi, jezamina l-cameras u jfittex il-blind sectors. Dakinhar stess mar ir-razzett ghal habta tad-9.20 pm u ra lil Norbert Camilleri hiereg jigri bil-karozza mill-gate. Fatt li gie korraborat minn Neville Camilleri.
   iii. Meta sari r-rapport l-Ghassa tal-Pulizija, Naxxar, is-surget Steve Micallef cepel lill-konvenut Norbert Camilleri. Minn wara l-bieb tal-

garaxx, l-attur sema' l-mobile ta' Norbert Camilleri jdoqq, semgha lill-istess pulizija minn fuq it-telefon isaqsi lill-konvenut fejn kien qieghed, u dan wiegbu li kien rieqed. Is-surgent qallu *'b'dan ir-rih kollu ma' widnejk ? idhol il-gewwa'*.

iv. Meta marru l-pulizija fir-residenza sabiex ikellmu lil Norbert Camilleri, wiegeb li l-gate ta' barra kellha l-hsara. Pero' kif jirrizulta mill-video prezentat bhala prova, fit-8.30 ta' bil-lejl jidher huh (Paul Camilleri) jiftah il-gate bir-remote control.

v. Dakinhar tal-incident id-dawl tas-sigurta li jdawwal il-bitha u l-cameras ta' Norbert Camilleri, kienu mitfijin. Swicc li ghandu access ghalih biss il-konvenut.

vi. Tnejn mill-cameras kienu mohbija fuq is-saqaf tal-garaxx. Min m'huwiex familjari tal-post ma jistax isibhom. Fuq il-bejt kien hemm ukoll camera ta' Norbert Camilleri, li pero' ma nsterqitx.

vii. Il-garaxx tal-attur ma jatix ghal fuq it-triq u lanqas minnu li kulhadd seta' jidhol fih ghaliex jissakkar.

5. Il-konvenuti wiegbu li:

i. Hu principju li diment li ma jitressqux ragunijiet serji u konvincenti li jiskossaw id-diskrezzjoni tat-Tribunal, qorti ta' revizjoni ma tistax tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

ii. L-uniku haga li l-attur irnexxielu juri f'dawn il-proceduri hu li numru ta' cctv cameras gew danneggati. Dan m'huwiex bizzejjed sabiex tirnexxi l-kawza. Kellu jaghti prova li kienu l-konvenuti li wettqu d-dannu u li kien hemm ness ta' kawzalita bejn l-ghemil tal-konvenuti u l-hsara. Dawn ma jinsabux riflessi fil-provi. L-attur irnexxielu jressaq hafna suspetti u dawn is-suspetti m'humiex prova.

iii. Il-provi ma jaghtu l-ebda hjiel oggettiv tat-trasgressjoni, doluza jew kolpuza tal-konvenuti. Hi biss fil-verzjoni tal-attur li hemm mixhuta htija awtomatika fuq l-istess konvenuti.

iv. Fil-filmat li pprezenta l-attur ma jidher assolutament xejn insolitu.

v. Ix-xenarju dipint mill-provi mressqa mill-attur m'ghandhomx is-sahha probatorja li jgieghlu lil din il-qorti li ma taqbilx ma dak li ddecieda t-Tribunal.

6. Il-konvenuti pproponew ukoll appell incidentali dwar il-kap tal-ispejjez. Isostnu li ladarba t-talba tal-attur giet michuda, kellu jigi kkundannat jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji.

7. It-Tribunal immotiva s-sentenza b'dan il-mod:

*"1. Hawn ghandna kontendenti li, 'l hinn mill-mertu tal-kawza huma miggielda ma xulxin. L-Attur u l-Konvenut Emanuel Camilleri huma ahwa. Ghandhom glied dwar xi wirt u allura dak ta' bejn l-ahwa jigbor ghal mieghu lill-ulied. Il-Konvenut l-iehor Norbert Camilleri jigi n-neputi*

*tal-Attur u iben l-Attur ix-xhud Neville Camilleri jigi n-neputi tal-Konvenut Emm Camilleri u l-prim kugin tal-Konvenut Norbert Camilleri.*

*2. Issemma wkoll Pawlu Camilleri, hu Joseph u Emmanuel, li jidher fil-video mal-Konvenuti – it-tlieta "jparlaw". L-Attur qal li ma kellux glied ma Pawlu izda bhalissa ma jitkellmux ghalkemm jekk dan ikellmu hu ma joggezzjonax.*

*3. Fil-Konvenuti wiehed ma jarax nies li ma kellhomx ghalfejn ikunu f'dawk l-inhawi, sahansitra fejn saret il-hsara, ghax huma, biex nghidu hekk, "tal-post ukoll".*

*4. Wiehed ihoss li ghalkemm tressqu hafna suspetti, hafna suspetti ma jikkostitwixxux prova. Anke "in civilibus", prova trid issir ukoll – ghalkemm forsi mhux bl-istess rigorozita' ta' dik sine que non f'sede kriminali.*

*5. Hawn jitqies li, stante l-antecedenti bejn il-familja tal-kontendenti, dak li jissoddisfa lill-Attur bhala prova mhux awtomatikament prova konvincenti ghal haddiehor, fuq quddiem nett dan it-TRIBUNAL".*

8. Il-qorti qrat l-atti.

9. L-attur spjega dak li gara b'dan il-mod (fol. 21):

- **15.9.2012** – *"Dakinhar is-sibt, giet installata s-sistema ta' tmien (8) cameras tas-sigurta tar-razzett imsemmi. Norbert u l-familja tieghu dakinhar kienu msefrin bil-karavan. Leli, missier Norbert, holoqli hafna tfixkil, ghajjat, insulti, u theddid waqt li kien qed isir dan ix-xoghol".*

- **19.9.2012** – *"L-erbgha, fin-nofs siegha ta' filghodu (00.30am), Norbert gie lura mill-btala bil-karavan u filghodu ma marx ghax-xoghol bhas-soltu.*
  *08.41 pm – Il-kameras waqfu jirrikordjaw.*
  *09.20 pm – Jien u t-tifel Neville wasalna fuq il-post.*
  *09.25 pm – Norbert jahrab jigri 'l barra bil-karozza u jiftah il-gate bir-remote key.*
  *10.00 pm – Skoprejna li t-tmien (8) cameras kollha kienu nsterqu, l-installazzjoni tal-wires imqaccta u l-power supply mahruq. X'hin rajt dan effettivament fittixt fir-recordings tal-videos biex nara x'kien gara".*

- **20.9.2012** – *"00.33 am – Smajt il-kliem u hsejjes strambi hdejn il-bieb tal-garaxx tieghi u ghalhekk fil-pront cempilt lill-pulizija".*

10. Hu fatt li f'appell fuq punt ta' fatt, din il-qorti m'ghandhiex facilment tvarja l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Madankollu dan ma jfissirx li din il-qorti m'ghandhiex terga' tqies il-provi sabiex fost'affarijiet ohra sabiex jigi determinat jekk it-Tribunal ikunx qies il-provi kollha jkunu tressqu quddiemu.

11. Iz-zewg konvenuti cahdu li ghamlu xi hsara lill-cameras tal-attur.

12. Il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ma kienx korrett bil-mod li kkunsidra l-provi. Il-fatt li m'hemmx prova diretta, bhal xi hadd li ra lil wiehed mill-konvenuti jqaccat il-*cameras*, ma jfissirx li t-talba tal-attur kellha tigi

michuda. Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali li jistghu jkunu b'sahhithom daqs il-prova diretta.

13. Il-qorti tosserva:-

i. L-attur xehed li kien hemm kwistjonijiet fil-familja u kien hemm ukoll incident meta l-konvenut Norbert Camilleri kien tefa' gebel lill-attur. Fatti li ma gewx kontestati mill-parti l-ohra.

ii. Il-konvenut Norbert Camilleri jghix ftit metri 'l boghod mill-bini li fih l-attur installa l-*cameras*. Dan il-konvenut xehed li kien jaf li l-attur kien wahhal il-*cameras*. Mir-recording li l-attur ipprezenta u li jirreferi ghal-lejl meta sehh l-incident, f'hinijiet differenti jidher il-konvenut Norbert Camilleri vicin il-post fejn l-attur kien wahhal il-*cameras*.

iii. Fil-hin li tqaccatu l-*cameras*, cjoe' 8.42 ta' bil-lejl meta waqfu jirrekordjaw, ma jirrizultax li kien hemm haddiehor fil-post. Il-qorti qeghda tirreferi hawn ghall-familjari ohra tal-attur.

iv. Tnejn mill-*cameras* kienu tpoggew fuq is-saqaf ta' garaxx. Filwaqt li dawn insterqu mhux l-istess gara fir-rigward ta' *camera* ohra li kien hemm u li l-attur qal li ma kinitx tieghu. Hu minnu li Norbert Camilleri cahad li l-*camera* l-ohra kienet tieghu. Madankollu probabilment min ried jiehu l-*cameras* kien jisraq kollox u mhux biss it-tnejn li kienu tal-attur. Inoltre, fil-post fejn ighix Norbert Camilleri kien hemm ukoll *cameras* li ma jirrizultax li nsterqu.

v. L-access ghall-proprjeta hi minn passagg li jidher fl-ewwel ritratt a fol. 47 (appendici D2). Hemm ukoll xatba li tahdem bl-elettriku.

vi. Fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2014, li kienet l-ewwel seduta li fiha ngabru provi, l-attur xehed:

*"(....) cempilt lis-Surgent tad-distrett li kien familjari mal-kaz u dak il-hin stess qalli biex nibqa' fuq il-linja waqt li huwa jcempel lil Norbert. Cempel lil Norbert u dak il-hin smajt telefon idoqq wara l-bieb tal-garaxx u nisma' lis-Surgent ighidlu int fejn int u Norbert ighidlu jiena rieqed u s-surgent ighidlu ma jistax ikun li rieqed ghax qed nisma' l-hsejjes ta' barra u hu lis-surgent qallu mela mur idhol id-dar"*.

Dan sehh ftit sighat wara li fl-10.00 pm l-attur kien skopra li nsterqulu l-*cameras*.

Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014 xehed is-surgent PS839 Stephen Micallef li xehed:

*"(….) jiena cempilt lil Norbert Camilleri li hu nformani li qieghed id-dar. Jiena hassejt li kelli naghmillu d-domanda biex jikkonfermali jekk kienx qieghed id-dar peress li jiena smajt dak li hassejt kienu hsejjes ta' rih li lili kien jindikali li kien barra u hu kien ikkonferma li kien id-dar"*.

Kompla jghid:

*"(….) u l-background kien ghalija jidher li ma kienx god-dar. Il-hoss tal-call ghalija kien jindikali li ma kienx id-dar"*.

Ghalhekk il-verzjoni tal-attur giet korraborata mis-surgent PS839, xhud indipendenti. Rilevanti li l-verzjoni tal-attur inghatat qabel xehed is-surgent, u ghalhekk tizdied il-kredibilta tal-verzjoni tal-attur. Ghalkemm hu minnu li Norbert Camilleri xehed:

*"Jiena nikkonferma li dak li ghidt lill-pulizija meta cempluli, li jien kont rieqed fis-sodda. Jiena nghid li jiena ma kontx wara l-proprjeta tas-sur Joseph Camilleri. Nerga' jiena nikkonferma li kont id-dar"*.

Pero' l-qorti ma temminx li l-konvenut kien id-dar fis-sodda meta tqies li:

i. L-attur irrakkonta kif semgha l-konversazzjoni bejn is-surgent Steve Micallef u Norbert Camilleri. F'dak il-hin l-attur kien fil-garaxx. Biex semgha lill-konvenut ighid lis-surgent li kien rieqed bilfors li Norbert Camilleri kien barra mid-dar tieghu u anzi jinsab biswit il-garaxx li fih kien hemm l-attur. L-attur qal ukoll li kien sema' mobile jcempel.

ii. Il-vezjoni tal-attur giet korraborata minn dik tas-surgent Steve Micallef li kkonferma li mill-hsejjes li semgha fil-*background* waqt il-konversazzjoni bit-telefon ma' Norbert Camilleri, ikkonkluda li Camilleri ma kienx fid-dar.

Wiehed jista' jargumenta li dan il-fatt m'huwiex prova li kien Norbert Camilleri li qaccat il-*cameras* minn posthom u li hadhom. Fil-fatt it-Tribunal m'ghamel ebda riferenza ghalih. Pero' il-probabilta hi li min ma jkollux x'jahbi minnufih ighid il-verita. Jekk il-konvenut ma kien ghamel xejn hazin il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn kellu jigdeb lill-ufficjal tal-pulizija u jghidlu li kien rieqed fis-sodda meta ma kienx. Il-fatt li quddiem it-Tribunal il-konvenut xehed bil-gurament li meta cemplu l-pulizija kien id-dar u l-provi juru mod iehor, jirrendih xhud mhux kredibbli minkejja li fl-affidavit qal, *"2. Jiena ma kissirt u ma qaccat l-ebda cameras ta' Joseph Camilleri mill-garage tieghu"*.

14. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal kellu jikkonkludi li probabilment Norbert Camilleri kien il-persuna li qaccat u ha l-*cameras*.

15. Fir-rigward tal-konvenut Emanuel Camilleri, hu minnu li l-attur xehed:

*"Dakinhar li kont qieghed inwahhal il-kameras, sibt hafna tfixkil, insulti u theddid minn hija Leli (wiehed mill-konvenuti) sahansitra hin minnhom qalli 'issa billi qieghed twahhal il-kameras, issa tara kemm ser idumu hemm'"*.

Pero' dan il-konvenut cahad li qal dawk il-kliem. Inoltre, in kontro-ezami l-attur xehed:

*"Jiena ghamilt il-kawza ukoll kontra Leli peress li meta kont qed inwahhal il-cameras ghamel ir-rimarka li jghid li mhux ha jdumu hemmhekk il-cameras"*.

Pero' l-attur ma ta l-ebda raguni li tista' twassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-verzjoni tieghu hi iktar kredibbli minn dik ta' Emanuel Camilleri. Ghaldaqstant, fir-rigward ta' dan il-konvenut il-qorti taqbel mat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

16. Ghal dawk li huma danni l-atturipprezenta stima ghax-xiri ta' sistema CCTV gdida, bil-prezz ta' €1292.34. Dwar dan l-attur xehed:

*"Jiena safrattant mort ghand l-Alberta ngieb stima biex jigu rippristinati l-cameras kif kienu qabel u din l-istima tifforma l-ammont mitlub fl-avviz"*.

Ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub.

17. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appell incidentali hu superfluwu in kwantu jirreferi ghall-konvenut Norbert Camilleri. Mhux l-istess fir-rigward ta' Emanuel Camilleri. It-Tribunal ma ta l-ebda raguni ghalfejn ordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa minkejja li qata' l-kaz favur il-konvenuti. Il-principju hu li t-tellief ghandu jhallas l-ispejjez gudizzjarji. Gialadarba fil-konfront ta' Emanuel Camilleri l-attur hareg tellief, ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dik il-parti.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Parzjalment tilqa' l-appell tal-attur u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-26 ta' Marzu, 2015 fis-sens li thassar dik il-parti fejn it-Tribunal laqa' l-eccezzjoni ta' Norbert Camilleri u cahad it-talba tal-attur.**
2. **Tichad l-eccezzjoni in kwantu din tirreferi ghal Norbert Camilleri u tilqa' t-talba tal-attur fil-konfront ta' Norbert Camilleri u tikkundannah ihallsu s-somma ta' elf mitejn u tnejn u disghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,292.34), flimkien mal-**

**ispejjez tal-attur. Il-konvenut Norbert Camilleri ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu. Dan japplika wkoll ghall-ispejjez tal-appell.**

3. **Tichad l-appell in kwantu dan hu ndirizzat fil-konfront tal-konvenut l-iehor. Spejjez ta' Emanuel Camilleri a karigu tal-attur.**
4. **Tichad l-appell incidentali tal-konvenut Norbert Camilleri, bl-ispejjez kontra tieghu.**
5. **Tilqa' l-appell incidentali tal-konvenut Emanuel Camilleri u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-26 ta' Marzu, 2015 fis-sens li l-ispejjez tieghu ghandu jhallashom l-attur.**

Anthony Ellul.